<u>**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**</u>

<u>**MAGISTRAT DR JOSEPH APAP BOLOGNA BA LL D**</u>

<u>Illum 27 ta' Frar, 2001.</u>

IL-PULIZIJA
(SPETTUR PAUL CAMILLERI)

VS

CONRAD AGIUS

**IL-QORTI**

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra l-imputat u dan talli fit-12 ta' Gunju, 1995 ghal habta ta' xi 9.30 p.m. fil-belt Valletta, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Emanuel Borg, mill-belt Valletta f'periklu car, ikkaguna ferita gravi fil-gisem jew fis-sahha tal-istess Emanuel Borg, bi ksur tal-Artikolu 214 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll talli fl-istess data hin u lok u cirkostanzi kkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew gab difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem (kissirlu zewg sinniet) tal-istess Emanuel Borg bi ksur tal-artikolu 218 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali a fol 59 tal-process li biha deherlu li tista tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-istess imputat a bazi tal-istess kumpilazzjoni taht dak li hemm mahsub fl-artikoli 214, 218 (1) (a), 216 (1) (a) (b) (c) (d) tal-Kodici Kriminali

Iddecieda li jibghat lill-istess imputat sabiex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali f'nuqqas ta' oggezzjoni da parti tal-istess imputat.

Rat li l-imputat ma ghandux oggezzjoni ghal din il-procedura (ara a fol 60 tal-process).

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti prodotti mill-prosekuzzjoni.

Semghet lill-akkuzat minn jeddu.

Semghet it-trattazzjoni

Ikkunsidrat

Illi fil-kaz in dezamina gew prodotti is-segwenti provi:

a) Kif jidher mill-istess akkuzi, l-incident in kwistjoni gara fit-12 ta' Gunju, 1995 waqt li l-parti lesa, Emanuel Borg kien ghamel ir-rapport relattiv personalment lill-ufficjal prosekutur fis-6 ta' Lulju, 1995. Dan il-fatt gie imsemmi, ukoll, minn PS 1338 Noel Apap ( a fol 26 et seq ibid) li l-parti lesa, Emanuel Borg, kien kellmu xi granet wara li gara l-incident in ezami. In oltre, kien qallu ukol li bhala spejjes konsegwenzjali ghall-istess incident, dawn kienu ammontaw ghal LM450 u ghalhekk kien ser jipprova jasal f'xi arrangament dwar dan ma' Joseph Agius, missier l-akkuzat. Wara madwar jumejn, l-istess parti lesa kienet informatu li ma kienx intlahaq ftehim u b'hekk xtaq li jittiehdu passi kontra minn kien responsabbli (ara ukoll fol 32 tal-atti).

b) L-istess Emanuel Borg ( fol 30 et seq ibid) irrakonta li fil-gurnata in kwistjoni ghall-habta tad-9.30 p.m. kien jinsab f'kazin tal-football fil-belt Valletta, meta kellu argument verbali ma' terza persuna dwar 'hamburgers', gewwa il-bar. Sadanittant meta hu ra lill-akkuzat, li qallu xi kliem

inoffensiv, l-istess parti lesa gholla idu u indirizza '<u>xi kliem daqsxejn fil-baxx</u>' ossija '<u>bghattu jiehdu x'imkien'.</u> Kien hawnhekk li l-akkuzat gie fuqu u qabad fih. Bhala konsegwenza, hu waqa mal-art u kif kien hekk, l-akkuzat 'tani straight u faqali halqi', ossija 'kissirli zewg sinniet', specifikatament u precisament b'sinna miksura u ohra maqlugha minn postha, oltre bid-demm hiereg. Hawnhekk spicca l-incident u fil-fatt il-parti lesa xorob sahansitra birra. L-ghada fil-ghodu, hu mar ghand id-dentist Pascal Demajo, li da parti tieghu talab LM450 bhala hlas (ara fol 22 ibid). In rigward l-istess flus imsemmija, l-akkuzat accenna ghall-fatt li avolja issellef xi flus sabiex jkun jista jhallas l-imsemmi ammont, dan ma kienx ghadu gie imhallas minnu.

c) L-istess <u>dentist</u> gie prodott ( a fol 24 et seq ibid) u dan ikkonferma li fit-13 ta' Gunju, 1995, kien gie ghandu l-istess Emanuel Borg u li in konnessjoni mal-istess parti lesa kien irrilaxxa iz-zewg dokumenti mmarkati Dok PC 2 u Dok PC 3 esebiti a fol 21 u 22 tal-atti. In oltre, kien ikkostata li Emanuel Borg kellu <u>zewg sinniet neqsin</u> specifikatament ic-centrali u l-laterali fuq ix-xellug ta' halqu. In rigward is-snien neqsin involuti, dawn gew murija lilu mill-istess pazjent u kienu l-istess neqsin minn halqu.

d) Gew prodotti diversi persuni presenti waqt l-incident specifikatament:

i) <u>Francis Curmi</u> (fol 40 et seq ibid) li sema li kien hemm diskussjoni ghaddejja bejn erbat'ihbieb dwar is-suggett imsemmi mill-parti lesa. Meta intervjena fl-istess diskussjoni l-akkuzat, Emanuel Borg kien qallu kliem fis-sens "illi kien ser iqatta lill-istess imputat u jaghmlu 'hamburger' ". Sussegwentement wara li ghadda xi ftit ta' hin, Emanuel Borg qal lill-akkuzat sabiex jaqtaghha u <u>offenda lill-istess akkuzat 'bil-familja'</u>. Kien hawnhekk li l-akkuzat deskritt bhala imbikkem, irrejagixxa u bhala konsegwenza t-tnejn qabdu ma' xulxin u waqghu mal-art.

Minn kien presenti, fosthom ix-xhud, ippruvaw iferrquhom, waqt li l-istess xhud ra demm niezel minn halq Emanuel Borg minghajr ma ra lil dan jaqla xi daqqa ta' ponn, jew xi oggett f'idejn il-partijiet involuti.

ii) Joseph Falzon (fol 48 et seq ibid) li fis-sustanza xehed l-istess bhal Francis Curmi kif ghamel ukoll

iii) Charles Cassar ( fol 51 et seq ibid) u

iv) Raymond Grioli.

Ikkunsidrat

Illi l-akkuzat xehed waqt dawn il-proceduri (fol 68 et seq ibid) kif ukoll irrilaxxa stqarrija bil-miktub, esebita mill-ufficjal prosekutur u immarkata Dok PC1 ( a fol 19 u 20 tal-atti). Fl-istqarrija l-akkuzat oltre li asserixxa li waqt l-imsemmi argument, Emanuel Borg beda jkellmu hazin u joffendih, anke b'referenza ghal familja tieghu. In oltre, dan ukoll heddu u gie ghal fuqu b'tazza u flixkun birra f'idu.

Minhabba hekk "jiena ilqajtu kif stajt", it-tnejn waqghu mal-art u firduhom in-nies presenti. Fl-istess stqarrija hu cahad li kien ta daqqa ta' ponn lil Emanuel Borg u li dan kellu demm fuq wiccu wara l-istess incident.

Fix-xhieda tieghu, l-akkuzat, ikkonferma dak kollu li stqarr fl-istess stqarrija. Pero, issottemetta li kien beza minn Emanuel Borg, stante li dan kien wiehed 'li jaqla l-inkwiet' u 'kellu dik it-tazza f'idu (il-leminija), oltre illi kien gewwa Monte Carmeli kemm il-darba'. Minhabba dan hu qabad id Emanuel Borg, fejn kienet qed tinzamm it-tazza imsemmija u ipprova jikkalmah. Pero, it-tnejn waqghu mal-art u in-nies ferquhom.

Testwalment l-akkuzat qal “Jiena fl-ebda hin ma hebbejt ghal-istess Emanuel Borg jew tajtu xi daqqa” qabel ma hareg mill-imsemmi kazin. L-ghada kien rega mar fl-istess post u gie informat li Emanuel Borg kien tkecca mill-istess post b’divjet ghad-dhul ‘qua persona non grata’.

Ikkunsidrat

Illi wara li gew kunsiderati il-provi kollha kif esposti, jidher li minnhom irrizultaw is-segwenti fatti:

a) Ma ghandu jkun hemm ebda dubbju li l-akkuzat ta daqqa ta’ ponn fuq halq Emanuel Borg, liema daqqa gabet, bhala konsegwenza it-telfien, da parti tal-parti lesa, ta’ zewg sinniet ossija ikkagunat debolizza u difett permanenti fil-funzjoni ta’ parti tal-gisem skond kif specifikat fl-artikolu 218 (1) (a) tal-Kodici Kriminali.

b) In rigward dan, il-Qorti qieset jekk dan kollu hux skuzabbli jew mhux imputabbli. Mill-provi ma jidhirx li Emanuel Borg kellu xi arma, proprja jew improprja sabiex jipperikola l-inkolumita tal-akkuzat. Di fatti hadd mix-xhieda presenti ma ra xi oggett f’idejn l-akkuzat jew il-parti lesa waqt l-istess incident. Konsegwentement ma jidhirx li l-akkuzat jista jghid li agixxa in legittima difesa kif stipulat fl-artikolu 223 tal-Kodici Kriminali. Pero, filwaqt li ssir referenza ghall-artikolu 227 (c) l-istess Kodici, ossija ferita gravi skuzabbli minhabba provokazzjoni, ossija sahna tad-demm, in rigward dan jidher li l-istess vittma ‘ex admissis’ ipprovoka l-incident in ezami permezz tal-agir u imgieba da parti tieghu stess b’mod specjali l-kliem oxxen u offensiv indirizzat lejn l-akkuzat u il-familja immedjati tieghu.

c) Hawnhekk il-Qorti ma tistax ma tikkummentax dwar dan l-incident fejn irrizultat ferita gravi fuq persuna minhabba l-agir tal-istess vittma li pprovoka, hu stess, dak li effettivament gara  u dan kollu bhala konsegwenza ta' argument banali u infantili.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk l-akkuzat ghandu jinstab hati a bazi tal-imsemmija artikoli pero bl-iskuzanti tal-provokazzjoni kif hawn fuq premess.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti issib lill-akkuzat hati talli fit-12 ta' Gunju, 1995 ghal habta ta' xi 9.30 p.m. fil-belt Valletta, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Emanuel Borg mill-belt Valletta f'periklu car, ikkaguna ferita gravi fil-gisem jew fis-sahha tal-istess Emanuel Borg bi ksur tal-artikolu 214 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll talli fl-istess data hin u lok u cirkostanzi kkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew gab difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem (kissirlu zewg sinniet) tal-istess Emanuel Borg bi ksur tal-artikoli 214, 218 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In rigward piena, wara li l-Qorti ikkunsidrat kemm il-fedina penali netta u nadifa ghal kollox tal-akkuzat, kif ukoll il-provokazzjoni li giet kawzata mill-agir u imgieba tal-istess vittma, kif hawn fuq premess, ma ghandha ebda esitazzjoni dwar l-applikabbilita tal-artikoli 9 u 11 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-akkuzat "qua" 'a first time offender'.

Ghad dawn il-motivi il-Qorti tordna li l-akkuzat jigi liberat minghajr ebda kundizzjoni kif ukoll li jhallas lill-Emanuel Borg is-somma ta' LM450 bhala kumpens kif hawn fuq premess.

Alan Calleja
Dep Reg

Vera Kopja Ghar-Registratur